VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,369, 18 ta' Marzu, 2020
Taqsima B

A.L. 82 tal-2020

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA (KAP. 465)

Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni dwar l-Għeluq ta' Postijiet Miftuħa għall-Pubbliku

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, is-Suprinttendent tas-Saħħa Pubblika għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ. L.S. 465. 21.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni huwa l-Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni dwar l-Għeluq ta' Postijiet Miftuħa għall-Pubbliku u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar l-Għeluq ta' Postijiet Miftuħa għall-Pubbliku, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali".

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fit-18 ta' Marzu, 2020.

Jemenda l-artikolu 1 tal-ordni prinċipali.

2. L-artikolu 1 tal-ordni prinċipali għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala artikolu 1(1) u minnufih wara s-subartikolu (1) kif enumerat mill-ġdid għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fit-18 ta' Marzu, 2020.".

Jemenda l-artikolu 2 tal-ordni prinċipali.

3. L-artikolu 2 tal-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara l-kliem "pixxina nazzjonali" għandhom jiżdiedu l-kliem "*massage parlours*"; u

(b) fl-ewwel proviso tiegħu, minnufih wara l-kelma "ristoranti" għandha tiżdied il-kelma "kafetteriji".